MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 69/2003

**Atlas Insurance Agency Limited, bhala rapprezentanti tas-socjeta' estera AXA Insurance Plc, surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Rupert Tonna u l-istess Rupert Tonna**

**Vs**

**Alfred Caruana**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas Lm363.60c (tlett mija u tlieta u sittin lira Maltin u sittin centezmu) rapprezentanti danni wara ncident tat-traffiku kif ahjar spjegat fl-Avviz.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal li ma kienx responsabbli ghall-incident.
Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Ra li fir-*Road Accident Report* il-pulizija rraporta l-verzjonijiet tal-partijiet kif gej:

Illi Christine Tonna li kienet qieghdha ssuq il-vettura ta' l-attur qalet:

"Whilst traveling from Kappara towards Gzira, collision occurred whilst negotiating the roundabout."

Il-konvenut qal:

"Whilst traveling from Msida to St Julians and negotiating the roundabout, collision occurred."

Meta xehdet Christine Tonna qalet li kienet fejn it-*traffic lights* ghall-vetturi li gejjin mill-Kappara. L-*lights* qalbu lejn ahdar u bdiet timxi fil-*lane* tan-nofs, imbaghad il-*lights* qalbu ghall-ahmar u kif waqfet rat lill-vann gej u saret il-habta. Hi kienet wieqfa meta sehh l-impatt. Bid-daqqa giet imbuttata ghal bejn it-tieni u t-tielet *lane*. Christine Tonna ma qablitx ma' l-iskizz.

Il-konvenut Alfred Caruana qal li kien gej mill-Imsida u ried imur fid-direzzjoni ta' Paceville. Meta l-*lights* ghall-vetturi gejjin mill-Imsida qalbu ghall-ahdar hu saq. Kien fil-*lane* tan-nofs u habtet go fih il-vettura misjuqa minn Christine Tonna.

**Ikkunsidra**

Li skond il-*Highway Code* l-obbligu huwa "to watch out for traffic already on the roundabout" u "give way to traffic on your right…..when in a roundabout look out and show consideration to other vehicles crossing in front of you, especially those intending to leave by the next exit. (Art. 221 u 224).

Illi mill-provi prodotti ma jistax jinghad li l-atturi rnexxielhom jippruvaw li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident. Hemm zewg verzjonijiet kontradittorji u l-verzjoni li nghata lill-pulizija ezatt wara l-incident ma taghmel xejn biex tissostanzja l-verzjoni li tat Christine Tonna. Meta xehdet Christine Tonna qalet li kienet wieqfa meta sehh l-impatt izda fir-*Road Accident Report* ma qaletx hekk.

Illi f'kawzi civili l-attur li jallega li xi haga gratlu b'tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjoni tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx dina l-prova l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli, anke jekk il-konvenut ma jipprovax – ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova – li l-incident ikun gara tort ta' l-attur. Dan mhux ghaliex it-tort ghall-incident ikun ta' l-attur imma semplicement ghaliex ma jkunx irnexxielu jipprova li allega bhala bazi ta' l-azzjoni tieghu (Mallia noe Vs Anastasi PA 3/10/1996).

Illi ghalhekk it-Tribunal jichad it-talba attrici bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------